

Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità mhux mitluba li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni għall-prodotti fis-settur tal-laħam tal-majjal

(2011/C 49/06)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 ⁽¹⁾ fetax kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti fis-settur tal-laħam tal-majjal. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni li tressqu matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Diċembru 2010 għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2011, għall-kwoti 09.4038, 09.4170 u 09.4204, ikopru kwantitajiet iżgħar minn dawk disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 7(4) it-tieni frażi, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ⁽²⁾, il-kwantitajiet li għalihom ma sarux talbiet, huma miżjuda mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwoti ta' wara, mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2011, u jidhru fl-Anness għal din il-Komunikazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 129, 28.5.2009, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

ANNEX

| Nru tal-ordni tal-kwota | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu mill-1 ta' April 2011 sat-30 ta' Ġunju 2011 (f'kg) |
|-------------------------|--|
| 09.4038 | 25 209 950 |
| 09.4170 | 3 541 500 |
| 09.4204 | 3 468 000 |